MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 10/2014

il-**Gimgha erbghatax (14) ta' Marzu 2014**

**Rikors Numru 10/14 FDP**

**The General Soft Drinks Company Limited**

**(C 1591)**

**vs**

**Joseph Debono (ID 629952M) u Mary Debono (ID 207150M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-14 ta' Frar 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta' disat elef, hames mija u sebghin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€9,570.52) rapprezentanti bilanc ta' self moghti mis-socjeta attrici lill-konvenuti skond kuntratt iffirmat fit 8 ta' Marzu 2011, u dana wara illi tilfu l-beneficcju tat-terminu minhabba li naqsu li josservaw il-hlasijiet miftiehma.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avviz, inluz tal-ittra ufficjali 2130/13 u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi fl-14 ta' Frar 2014, meta ssejjhet il-kawza, il-partijiet gharrfu lill-Qorti illi kienu qed jippruvaw jaslu ghal transazzjoni.

Rat illi fl-10 ta' Marzu 2014 is-socjeta rikorrenti ippresentat nota ta' riduzzjoni illi fiha riduciet it-talba ghall-ammont ta' sebat elef, erbgha ija u tmienja u hamsin euro u tlieta u erbghin centezmu (€7,458.48).

Rat illi fl-istess seduta tal-10 ta' Marzu 2014, l-intimati in solidum ammettaw it-talba hekk kif ridotta.

Rat illi l-partijiet, quddiem il-Qorti, ghamel verbal fejn fteihmu illi l-ammont kif ammess kellu jibda jithallas ratealment fuq periodu ta'

tmintax-il xahar mid-data tas-sentenza u ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma kienetx ser tezegwixxi s-sentenza ghall-istess period ta' tmintax-il xahar.

Rat illi dana il-ftehim jifforma parti mill-istat tal-kawza odjerna la darba sar ftehim quddiem il-Qorti.

Ghaldaqstant, wara li semghet in-nota ta' ammissjoni u il-verbal maghmul mill-partijiet.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici kif ridotta w tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef, erbgha ija u tmienja u hamsin euro u tmienja u erbghin centezmu (€7,458.48) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti kif mitluba.**

**Is-sorte ghandha tithallas fuq medda ta' tmintax-il xahar, pagabbli mill 21 ta' Marzu 2014 sad-data tal-pagament effettiv permezz ta' pagamenti rateali b'dan illi jekk jonqsu xi pagament wiehed, il-bilanc kollu jkun dovut u s-socjeta attrici tkun tista tghaddi biex tezegwixxi dina s-sentenza fuq il-bilanc li jkun ghadu dovut.**

**L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu minnufih.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------